MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 441/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Mifsud**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Mifsud talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' April 2011 u Mejju 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Maria Rita Mifsud u/jew lill-ulied is-somma fix'xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imsemmi Michael Mifsud hati u kkundannatu xahar prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Michael Mifsud ipprezentat fit-28 ta’ Ottubru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti tar-reita`, u (2) thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant hu dwar il-piena peress illi qal li jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament tal-piena, u specifikatament: (1) li ma nghatax piz bizzejjed ghall-fatt li ghalkemm huwa jaf li jrid jadempixxi l-obbligu tieghu, l-introjtu tieghu jiddependi mill-fatt li huwa jiddependi li jhallsuh terzi u ghalhekk jekk ma jithallasx huwa ma jistax ihallas kif huwa jrid u jixtieq li jaghmel; (2) fis-seduta quddiem l-ewwel Qorti huwa hallas akkont ta’ €400; (3) li kien hemm l-ammissjoni bikrija tieghu.

**6.** Minbarra dawn il-fatturi, hemm issa wkoll il-fatt li l-appellant hallas il-bilanc minnu dovut kif obbliga ruhu li jaghmel fis-seduta tat-18 ta’ April 2012. Difatti fis-seduta tallum dehret mart l-appellant illi ddikjarat illi kienet thallset il-bilanc kolu dovut ghax-xhur in kwistjoni. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija u minflok tikkundannah canfira u twiddiba (R & A), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------